31996D0539

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Settembru 1996

dwar ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għal importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' sperma ta' l-ispeċi ekwina

(Test b'rilevanza għall-FEE)

(96/539/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tippreskrivi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ fi u importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' annimali, sperma, ova u embrijoni mhux suġġetti għal ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali preskritti f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm riferenza għalihom fl-Anness A (1) li jinsab mad-Direttiva 90/425/KEE [1], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/176/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2), 17 u 18 tagħha,

Billi bid-Deċiżjoni Nru 94/63/KE [3] il-Kummissjoni ħejjiet lista proviżorja ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' sperma, ova u embrijoni ta' l-ispeċi ovina, kaprina u ekwina, ova u embrijoni ta' l-ispeċi tal-majjali;

Billi għandha tiġi stabbilita l-kundizzjoni ta' saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għal importazzjonijiet fil-Komunità ta' sperma friska, mkessħa u ffriżata ta' l-ispeċi ekwina skond il-ħtiġiet tad- Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE;

Billi ċertu mard infettuż ta' *equidae* jiġi trasmess permezz ta' l-isperma; billi għalhekk hemm testijiet speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimali huma meħtieġa sabiex jidentifikaw mard bħal dan li għandhom jitwettqu skond programmi speċifiċi ta' testijiet li jirriflettu l-moviment taż-żwiemel miżmuma għar-razza donaturi qabel u matul il-perodu ta' ġbir ta' l-isperma;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' sperma friska, imkessħa jew iffriżata ta' l-ispeċi ekwina li tikkonforma mal-ħtiġiet preskritti fil-kampjun taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali fl-Anness u akkompanjati b'ċertifikat bħal dan mimli kif imiss.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 1996.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Settembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.
[2] ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 23.
[3] ĠU L 28, tat-2.2.1994, p. 47.

L-ANNESS

ÁLLAT-EGÉSZSÉGÜGYI BIZONYÍTVÁNY

a lófélék petesejtjeinek és embrióinak behozatalához

<table>
<tr><td>1. Feladó (név és teljes cím)</td><td>ÁLLAT-EGÉSZSÉGÜGYI BIZONYÍTVÁNY
Sorszám EREDETI
2. A gyűjtési harmadik ország</td></tr>
<tr><td>3. Címzett (név és teljes cím)</td><td>4. Illetékes hatóság</td></tr>
<tr><td>Megjegyzések
a) Valamennyi petesejt- és embriószállítmányhoz külön bizonyítványt kell kiállítani.</td><td>5. Illetékes helyi hatóság</td></tr>
<tr><td>6. A berakodás helye</td><td>7. A gyűjtő munkacsoport neve és címe</td></tr>
<tr><td>8. Szállítóeszköz</td><td></td></tr>
<tr><td>9. Rendeltetési hely és tagállam</td><td>10. A gyűjtő munkacsoport nyilvántartási száma</td></tr>
<tr><td>11. A tartályok száma és kódjele</td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">12. A szállítmány azonosítása (petesejt/embrió) (1)</td></tr>
<tr><td>12.1. A tartályok száma</td><td>12.3. Faj</td><td rowspan="2">12.5. A donor azonosítása</td></tr>
<tr><td>12.2. A begyűjtés(ek) dátuma(i)</td><td>12.4. Fajta</td></tr>
<tr><td colspan="3">(1) A nem megfelelő rész törlendő.</td></tr>
</table>

13. Jiena, l-veterinarju uffiċjali hawn taht iffirmat ta' ..... (ikteb l-isem tal-pajjiż esportatur), qrajt u jiena familjari mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE kif emendata u niċċertifika li:

13.1. Iċ-ċentru ta' ġbir ta' l-isperma li fih, l-isperma deskritta fuq, ġiet miġbura, ipproċessata u miżmuma ghall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea:

13.1.1 hija approvata u sorveljata mill-awtorità kompetenti skond il-kondizzjonijiet tal-Kapitolu I, l-Anness D li jinsab mad-Direttiva 92/65/KEE,

13.1.2. tinsab fit-territorju jew fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skond l-Artikolu 13 li jinsab mad-Direttiva 90/426/KEE f'parti mit-territorju (1) tal-pajjiż ta' esportazzjoni li kien, minn dakinhar li l-isperma nġabret sad-data ta' dispaċċ, hielsa:

— mill-marda African horse, skond il-leġislazzjoni tal-KE,

— minn Venezuelan equine encephalomyelitis ghal sentejn,

— minn glanders ghal sitt xhur,

— minn dourine ghal sitt xhur;

13.1.3. kienet matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel id-data tal-ġbir ta' l-isperma sad-data ta' dispaċċ taghha mhux suġġetta ghal ordni ta' projbizzjoni ghal raġunijiet tas-sahha ta' l-annimali li ppreskriviet wahda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

13.1.3.1. jekk mhux l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli ghall-marda lokata fl-azjenda kienu ġew maqtula, il-projbizzjoni damet ghal:

— sitt xhur, li jibdew jghoddu mill-jum li fih inqatel l-ekwide li kien isofri mill-marda, fil-każ ta' *encephalomyelitis* ta' l-ekwide,

— perjodu mehtieġ sabiex jitwettqu b'riżultat negattiv, żewġ testijiet ta' Coggins b'perjodu ta' tliet xhur bejniethom fuq l-annimali li jibqghu wara li jkunu ġew maqtula l-annimali infettati, fil-każ ta' anemija infettuża ta' l-ekwini,

— sitt xhur, fil-każ ta' vesicular stomatitis,

— xahar mill-ahhar każ irrekordjat, fil-każ ta' rabies,

— 15-il jum mill-ahhar każ irrekordjat, fil-każ ta' anthrax.

13.1.3.2. jekk l-anninali kollha ta' speċi suxxettibbli ghall-marda li jkunu jinsabu fl-azjenda ġew maqtula u l-bini ġie disinfettat, il-projbizzjoni damet 30 jum, jew 15-il jum fil-każ ta' anthrax, li jibdew fl-ewwel jum li fih, wara l-qerda ta' l-annimali, jkun intemm b'mod sodisfaċenti l-iddisinfettar tal-bini;

13.1.4. matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel il-ġbir ta' l-isperma u li jkun dam sad-data tad-dispaċċ taghha kien fiha biss ekwide li kienu hielsa minn sinjali kliniċi ta' arteritis virali ta' l-ekwide u metritis li tittieħed ta' l-ekwide;

13.2. qabel ma l-isperma tidħol fiċ-ċentru ta' ġbir iż-żwiemel miżmuma ghar-razza donaturi u kull ekwide iehor li jkun jinsab fiċ-ċentru:

13.2.1. kienu residenti kontinwament ghal tilet xhur (jew minn meta dahlu jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea matul il-perjodu ta' tliet xhur) fit-territorju jew fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni f'parti mit-territorju (1) tal-pajjiż ta' esportazzjoni li kien matul dak il-perjodu hieles:

— mill-marda African horse, skond il-leġislazzjoni tal-Komunità,

— minn Venezuelan equine encephalomyelitis ghal sentejn,

— minn glanders ghal sitt xhur,

— minn dourine ghal sitt xhur;

13.2.2. jew oriġinaw mit-territorju tal-pajjiż ta' esportazzjoni li kien fil-jum tad-dhul fiċ-ċentru hieles minn vesicular stomatitis ghal sitt xhur

jew

ġew ittestjati b'test ta' newtralizzazzjoni ta' virus ghall-*vesicular stomatitis* fuq kampjun ta' demm mehud fi ..... (2), dan sar fi żmien 14-il jum qabel id-dhul fiċ-ċentru, b'riżultat negattiv fid-dilwizzjoni tas-serum ta' 1 fi 12 (1);

13.2.3. oriġinaw minn azjendi li fil-jum tad-dhul fiċ-ċentru ssodisfaw il-htiġiet tal-paragrafu 13.1.3. hwn fuq;

13.3. l-ispera deskritta hawn fuq ġiet miġbura minn żwiemel miżmuma għar-razza donaturi, li:

13.3.1. fil-jum tal-ġbir ta' l-isperma ma wrewx sinjali kliniċi ta' mard infettuż jew ta' mard li jittieħed,

13.3.2. matul għall-inqas 30 jum qabel il-ġbir ta' l-isperma ma ġewx użati għall-servizz naturali,

13.3.3. matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir ta' l-isperma nżammu f'azjendi fejn ma kien hemm l-ebda żiemel li wera sinjal kliniku ta' viral arteritis taż-żwiemel,

13.3.4. matul l-aħħar 60 jum ta' qabel il-ġbir ta' l-isperma nżammu f'azjendi fejn ma kien hemm l-ebda żiemel li wera sinjal kliniku ta' metritis li tittieħed taż-żwiemel,

13.3.5. sa fejn naf jiena u sal-limitu li nista' niċċertifika, ma ġewx f'kuntatt ma' ekwide li sofrew minn marda infettuża jew minn marda li tittieħed matul il-15-il jum li jiġu eżattament qabel il-ġbir ta' l-isperma;

13.3.6. għaddew mit-testijiet tas-saħħa ta' l-annimali mwettqa f'laboratorju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti skond programm ta' test kif speċifikat fi 13.3.7.:

13.3.6.1. test ta' immunodiffużjoni ta' agar gel (test ta' Coggins) għal anemija infettuża taż-żwiemel b'riżultat negattiv;

13.3.6.2. jew minn test ta' newtralizzazzjoni ta' serum għal arterite b'riżultat negattiv f'dilwizzjoni ta' serum ta' 1 f'4

jew

test ta' iżolament ta' virus għal arterite virali taż-żwiemel imwettaq b'riżultat negattiv fuq alikwot ta' l-isperma kollha;

13.3.6.3. test għal metritis li tittieħed taż-żwiemel imwettaq f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' sebat'ijiem b'iżolament ta' Taylorella equigenitalis minn fluwidu eġakulat minn qabel jew kampjun ta' sperma u minn swabs ġenitali meħuda għallinqas mill-penile sheath, uretra u mill-*fossa* ta' l-uretra b'riżultat negattiv f'kull każ.

13.3.7. kienu ġew soġġetti għal wieħed mill-programmi tat-testijiet li ġejjin: [3]

13.3.7.1. Iż-żiemel miżmum għar-razza donatur kien residenti kontinwament fiċ-ċentru ta' ġbir għal mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir ta' l-isperma, u matul il-perjodu ta' ġbir, u l-ebda ekwide fiċ-ċentru ta' ġbir ma ġie f'kuntatt dirett matul dak iż-żmien ma' ekwide ta' stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żwiemel miżmuma għar-razza donaturi.

It-testijiet meħtieġa fil-paragrafu 13.3.6. ġew imwettqa fuq kampjuni meħuda fi ..... [2] u fi ..... [2] għall-inqas 14-il jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza msemmi hawn fuq u għall-inqas fil-bidu ta' l-istaġun ta' tnissil.

13.3.7.2. Iż-żiemel miżmum għar-razza donatur ma kienx residenti kontinwament fiċ-ċentru ta' ġbir jew ekwide oħra fiċ-ċentru ta' ġbir ġew f'kuntatt dirett ma' ekwide oħra ta' stat ta' saħħa inferjuri għal dak taż-żwiemel miżmuma għar-razza donaturi.

It-testijiet meħtieġa fil-paragrafu 13.3.6. ġew imwettqa fuq kampjuni meħuda fi ..... [2] u fi ..... [2] fi żmien il-perjodu ta' 14-il jum li jiġu qabel l-ewwel ġbir ta' l-isperma u għall-inqas fil-bidu ta' l-istaġun ta' tnissil.

It-test meħtieġ fil-paragrafu 13.3.6.1. twettaq l-aħħar fuq kampjun ta' demm meħud mhux aktar minn 120 jum qabel ma l-isperma ġiet miġbura fi ..... [2].

It-test meħtieġ fil-paragrafu 13.3.6.2. jew ġie mwettaq l-aħħar mhux aktar tard minn 30 jum qabel ma l-isperma ġiet miġbura fi ..... [2] [1]

jew

l-istat ta' l-iprem kwalità ta' l-istallion seropositttiv għal arterite virali taż-żwiemel ġie kkonfermat mit-test ta' iżolament tal-virus li sar mhux aktar minn sena qabel ma l-isperma ġiet miġbura fi ..... [2] [1].

13.3.7.3. It-testijiet meħtieġa fil-paragrafu 13.3.6. ġew imwettqa matul il-perjodu obbligatorju ta' 30 jum ta' ħżin ta' sperma iffriżata u mhux inqas minn 14-il jum wara l-ġbir ta' l-isperma fuq kampjuni meħuda fi ..... [2] u fi ..... [2].

13.4. L-isperma deskritta hawn fuq ġiet miġbura, ipproċessata, maħżuna u trasportata taħt kondizzjonijiet li jikkonformaw mal-ħtiġiet tal-Kapitolu II u III ta' l-Anness D li jinsab mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.

Magħmula fi ....., nhar .....

[4]

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali)

.....
(Isem u kwalifiki b'ittri kbar)

---

[1] Ħassar fejn meħtieġ.
[2] Ikteb id-data.
[3] Aqta' l-programmi li ma japplikawx għall-kunsinna.
[4] Il-firma u t-timbru jridu jinkitbu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar.